**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.692/97***

***Pulizija***
***Sp. Dominic Micallef***
***v***
***Martin Busuttil***

Illum 22 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Martin Busuttil huma bazati fuq is-segwenti reati: **Serq** ta' kurrent elettriku aggravat bil-mezz u bil-hin; kif ukokk **Hsara Volontarja**.

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-process odjern origina minn rapport mghamul minn Paul Formosa fejn sostna li huwa bhala sid tal-fond Charsliv Triq il-Mazzola Bugibba kien sab il-meter tal-imsemmi fond wieqaf. Formosa spjega li huwa kien kera l-fond lill-imputat, izda wara li ghadda xi zmien kien sab ic-cavetta tal-fond fil-letter box tieghu, u meta mar fil-post imsemmi sab xi affarijiet nieqsin kif ukoll ossera li l-meter tad-dawl kien wieqaf. Huwa ghalhekk rrapporta lill-Korporazzjoni EneMalta f' dan l-ahhar fatt.

Illi meta dawn gew fuq il-post u osservaw il-meter installat hemm gew, sabu li kellu s-sigilli neqsin u meta fethu il-cover tal-meter ghall-ezami aktar approfondit, sabu li gol-meter kien hemm bicca kartun imseffsa b' mod li kienet qed izzomm id-disc milli jdur, u ghalhekk il-meter ma kienx seta jirregistra l-konsum. Meta tnehhiet din il-bicca kartuna l-meter beda jahdem regolament.

Illi fid-deposizjoni tieghu fil-kors tal-inkjesta, l-imsemmi Paul Formosa spjega li xi sena u nofs ilu cioe' f' Otturbu 1994 huwa kien kera l-fond lill certu Brian Vella li sussegwentement irrizultalu, dejjem skond Formosa, li dana ma kienx jismu hekk, izda kien jsmu Martin Busuttil li huwa l-imputat odjern. Ulterjorment quddiem din il-Qorti Formosa sostna li huwa ma kellu ebda problema mal-imputat matul il-perijodu lokatizju, u l-imputat kien ihallas il-kera u l-konsum tal-dawl u ilma regolament. Kien sussegwentement li nqalghu dawn il-problemi meta huwa sab ic-cavetta tal-fond fil-letter box tieghu u kien sab xi oggetti neqsin mill-post.

Illi Paul Formosa esebixxa dokumenti diretti biex jipprova r-relazzjoni lokatizja li kienet tesisti bejnhu u bejn l-imputat; izda fuq dawn id-dokumenti hemm imnizzel Brian Vella bhala l-inkwilin u bhala l-persuna li kien ihallas il-kera. Minn imkien ma hemm imnizzel l-isem Martin Busuttil.

Illi l-ammont li qeda tippretendi l-Korporazzjoni Ene Malta rapprezentati konsum mhux registrat huwa ta' LM36.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi in vena legali l-Qorti tosserva li huwa l-kompitu tal-prosekuzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni. Tali dubbju ghandu jmur favur l-imputat in omagg ghall-principju *"in dubbio pro reo"*

Illi f' dan il-kaz ma hemm xejn x'jorbot lill-imputat ma' dak li qed jallega Paul Formosa. Hemm biss ix-xhieda ta' dan tal-ahhar li hija diretta biex tinkrimina lill-imputat, altrimenti ma hemm ebda prova ohra li tistabilixxi, jew tghin li jigi stabbilit *nexus criminis* bejn ir-reati kommessi u l-imputat.

Il-Qorti tosserva li huwa minnu li Paul Formosa kien konsistenti u kategoriku tul-il-process kollu, izda minn naha l-ohra huwa kellu jiehu l-prekawzzjonijiet dettati mic-cirkostanzi sabiex jaccerta ruhu mill-identita' tal-persuna meta kien ser jikrilu l-post. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa kellu almenu jesigi li inkwilin prospettiv jruih l-karta' tal-identita' tieghu sabiex jaccerta ruhu minn dan il-fattur, *multo magis* meta si tratta ta' relazzjoni kontrattwali li permezz taghha l-inkwilin kien ser ikollu l-uzu u l-godiment tal-post u tal-ghamara li kien fih, proprjeta' ta' Paul Formosa. Din il-Qorti tifhem ukoll li dan Formosa kellu anki jghamel ricerca almenu superficjali tac-cirkostanzi tal-inkwilin, u mhux jikkontenta biss li qed jircevi l-flus tal-kirja.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li, ghalkemm irrizulta sodisfacentement provat li sar ir-reat ta' Serq kwalifikat bil-mezz u ta' Hsara volontarja, ma giex provat fil-grad rikjest mill-ligi l-awtur ta' din l-attivita' kriminuza. Ghaldaqstant il-kaz kontra l-imputat ma jistax ireggi.

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***